# GIOVANNI ANTONIO BAZZI (IL SODOMA)

Fil-qoxra ta' quddiem ta' dan il-fuljett naraw waħda mill-isbaħ pitturi ta' San Sebastjan. Din tinsab fil-Galleria Uffizi, wieħed mill-isbaħ mużewijiet li hemm fil-belt ta' Firenze.

L-artist li pinġiha hu Sodoma li hu l-laqam ta' Giovanni Antonio Bazzi. Dan l-artist Taljan twieled fl-1477 fil-belt ta' Vercelli, qrib Torino, fl-Italja ta' Fuq u miet fl-1549 fil-belt ta' Siena fl-Italja tan-nofs. Ix-xogħolijiet tiegħu jgħaqqdu flimkien l-arti rinaxximentali ma' l-istil mannerista. Hu ħa l-ispirazzjoni tiegħu sew mir-rikkezza ta' disinn l-aktar fl-istil ta' Luca Signorelli u ta' Raffaello, kif ukoll uża ħafna l-isfumato ta' Leonardo da Vinci. B'hekk ħoloq grazzja partikolari fit-tpinġijiet tiegħu sew dawk fuq tema reliġjuża kif ukoll dawk imnebbħa mill-mitologija.

L-akbar kapolavur tiegħu jinsab fil-monasteru ta' Monte Oliveto Maggiore qrib Siena. F'dan il-kunvent Sodoma għamel wieħed u tletin affresk dwar San Benedittu li juru l-ħajja ta' San Benedittu minn meta telaq id-dar ta' missieru biex jistudja f'Ruma u jibqgħu juru lil dan il-qaddis jagħmel i-mirakli, jegħleb it-tentazzjonijiet sakemm fl-aħħarnett waqqaf ordni tal-Patrijiet Benedittini. Dan il-kapolavur ta' Sodoma sar fl-1508 u l-kritiċi kollha iqisuh mhux biss bħala l-aħjar biċċa xogħol tiegħu imma ukoll ta' sbuħija li ssaħħar. Dwar dan ix-xogħol tiegħu jingħad li Sodoma stqarr li *"ho sudato sette camicie"* biex juri l-battikata li ħa sabiex lestiehom.

Iżda għalina dan il-pittur hu magħruf minħabba l-pittura ta' San Sebastjan li illum tinsab fil-Galleria Uffizi ta' Firenze. Din il-pittura tirraffigura lil San Sebastjan bħala qaddis żagħżugħ u pjuttost snell, marbuts ma' siġra u minfud mill-vleġeġ. Nieżel mis-sema hemm l-anġlu tal-Mulej iġorr il-kuruna tal-martirju lest biex iqegħdha fuq ras il-qaddis. Lil San Sebastjan, l-artisti qegħdu f'pajsaġġ trankwill. Din l-istess trankwillità tidher ukoll fil-mod li biha San Sebastjan qed isofri t-tbatija tal-martirju forsi għax kien konvint mill-glorja tal-ġenna li lesta għalih.

Fost pitturi oħra ta' Sodoma mferrxa f'diversi nħawi ta' l-Italja hemm ukoll *Kristu mal-Kolonna* u *Id-Deposizzjoni mis-Salib* li t-tnejn jinsabu fil-Pinoteca ta' Siena. Pitter ukoll lil San Ġorġ jissielet mad-dragun, u numru ġmielu ta' pitturi b'temi mill-mitoloġija Rumana jew Griega.


SLIEM
U
ĦAJJA
FESTA 1999